MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2011

Numru 622/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Hersey)**

**Vs**

**Diabri Ibrahim**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta’ Diabri Ibrahim ta’ sitta u ghoxrin (26) sena, iben Mokhtar u Nani, imwieled Mali fl-1984, u joqghod Hal-Far Tent Village, bin-numru tal-Pulizija 08II-014 talli:

1. Fix-xhur ta' qabel is-16 ta' Mejju 2011 f’ Malta imbarka minghajr ma kellu passaport u minghajr ma ta’ lill-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni seta' deherlu xierqa li jehtieg, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U talli fix-xhur ta' qabel is-16 ta' Mejju 2011 bhala persuna illi nizel jew telaq minn Malta, ghamel jew gieghel illi jinghata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lill-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni bi ksur ta' l-Artikolu 32(1)(C) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. U aktar talli ghamel uzu minn passaport mahrug lill-persuna ohra, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 4 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Ufficjal Prosekutur u rat l-atti kollha ta' dan il-kaz;

Semghet lill-imputat jammetti ghall-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u dana minkejja l-fatt li din il-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzat bl-iktar mod solenni lill-imputat bil-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Wara li semghet l-ammissjoni ta' htija ta' l-imputat ghall-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma ghandhiex alternattiva ohra ghajr li issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena u ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat irregistra ammissjoni bikrija kif ukoll ic-cirkostanzi difficli li ghaddej minnhom l-istess imputat;

Wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 28 u l-Artikolu 32 (1) (c) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 4 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu b'dana li t-tielet imputazzjoni tigi assorbita fl-ewwel u tieni imputazzjonijiet, u tikkundannah ghall-perjodu ta' seba' (7) xhur prigunerija b'effett millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------